

Brussell, 22 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8661/26

CDR 82

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mit-8 ta' Ġunju 2026 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**li taħtar membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni  
għall-perjodu mit-8 ta' Ġunju 2026 sal-25 ta' Jannar 2030  
u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Portugiż,

---

<sup>1</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>.

Billi:

- (1) L-Artikolu 300(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kumitat tar-Reġjuni jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali li, jew ikollhom mandat elettoralu ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) L-Artikolu 305 tat-Trattat jipprevedi li l-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u għadd ugwali ta' membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal mandat ta' ħames snin f'konformità mal-proposti magħmula minn kull Stat Membru.
- (3) Ladarba l-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni skada fil-25 ta' Jannar 2025, jenħtieġ li jinħatru membri u membri supplenti ġodda.

- (4) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71<sup>2</sup>. B'dik id-Deċiżjoni, ħatar, għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni proposti mill-Gvern Estonjan, tal-Irlanda, Kroat, Ċiprijott, Latvjan, Lussemburgiż, Malti, Netherlandiż, Awstrijak, Portugiż, Sloven, Slovakk, Finlandiż u dak Żvediż. Bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71, il-Kunsill ħatar ukoll għall-istess perjodu 12-il membru u disa' membri supplenti proposti mill-Gvern Ċek, seba' membri u disa' membri supplenti proposti mill-Gvern Daniż, 23 membru u 19-il membru supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż, 11-il membru u 12-il membru supplenti proposti mill-Gvern Grieg, 20 membru u 20 membru supplenti proposti mill-Gvern Spanjol, 22 membru u 24 membru supplenti proposti mill-Gvern Taljan, 21 membru u 20 membru supplenti proposti mill-Gvern Pollakk u disa' membri u disa' membri supplenti proposti mill-Gvern Rumun. Il-membri u l-membri supplenti li fir-rigward tagħhom il-proposti għall-ħatra ma kinux ġew ikkomunikati lill-Kunsill qabel it-22 ta' Novembru 2024 ma setgħux jiġu inklużi fid-Deċiżjoni (UE) 2025/71.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj>).

- (5) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/201<sup>3</sup>. B'dik id-Deċiżjoni, ħatar, għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni proposti mill-Gvern Bulgaru, Litwan u Ungeriż, kif ukoll 10 membri u 10 membri supplenti proposti mill-Gvern Belġjan u 24 membru u 23 membru supplenti proposti mill-Gvern Franċiż. Barra minn hekk, bid-Deċiżjoni (UE) 2025/201, il-Kunsill ħatar żewġ membri u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern Daniż, fejn wieħed mill-membri kien inizjalment inħatar bħala membru supplenti bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71. Huwa ħatar ukoll membru supplenti wieħed propost mill-Gvern Taljan wara r-riżenja ta' membru supplenti maħtur bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71. Il-membri u l-membri supplenti li fir-rigward tagħhom il-proposti għall-ħatra ma kinux ġew ikkomunikati lill-Kunsill qabel il-31 ta' Diċembru 2024 ma setgħux jiġu inklużi fid-Deċiżjoni (UE) 2025/201.

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/201 tal-21 ta' Jannar 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 (ĠU L, 2025/201, 31.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/201/oj>).

- (6) Fit-18 ta' Frar 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/378<sup>4</sup>. B'dik id-Deċiżjoni, ħatar, għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, żewġ membri u żewġ membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni proposti mill-Gvern Belġjan, żewġ membri supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż, membru wieħed propost mill-Gvern Grieg, membru wieħed u membru supplenti wieħed proposti mill-Gvern Spanjol, żewġ membri proposti mill-Gvern Taljan, sitt membri u sitt membri supplenti proposti mill-Gvern Rumun, u membru supplenti wieħed propost mill-Gvern Pollakk. Barra minn hekk, bid-Deċiżjoni (UE) 2025/378, il-Kunsill ħatar membru wieħed propost mill-Gvern Ġermaniż wara r-riżenja ta' membru maħtur bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71. Il-membri u l-membri supplenti li fir-rigward tagħhom il-proposti għall-ħatra ma kinux ġew ikkomunikati lill-Kunsill qabel is-7 ta' Frar 2025 ma setgħux jiġu inklużi fid-Deċiżjoni (UE) 2025/378.

---

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/378 tat-18 ta' Frar 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 (ĠU L, 2025/378, 6.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/378/oj>).

- (7) Fit-13 ta' Mejju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/954<sup>5</sup>. B'dik id-Deċiżjoni ħatar, għall-perjodu mit-13 ta' Mejju 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, membru wieħed u membru supplenti wieħed tal-Kumitat tar-Reġjuni proposti mill-Gvern Ġermaniż, u tliet membri supplenti proposti mill-Gvern Ċek. Barra minn hekk, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2025/954, u wara t-tmiem, qabel il-bidu tal-mandat attwali, tal-mandat li abbażi tiegħu għe propost għall-ħatra membru Ġermaniż u li nħatar bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71, il-Kunsill ħatar membru wieħed propost mill-Gvern Ġermaniż.. Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2025/954, u wara t-tmiem, qabel il-bidu tal-mandat attwali, tal-mandat li abbażi tiegħu għe propost għall-ħatra membru Awstrijak u li nħatar bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71, il-Kunsill ħatar ukoll membru wieħed propost mill-Gvern Awstrijak. Il-membri supplenti li fir-rigward tagħhom il-proposti għall-ħatra ma kinux għew ikkomunikati lill-Kunsill qabel it-30 ta' April 2025 ma setgħux jiġu inklużi fid-Deċiżjoni (UE) 2025/954.
- (8) Fl-10 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/2119<sup>6</sup>. B'dik id-Deċiżjoni, ħatar, għall-perjodu mill-10 ta' Ottubru 2025 sal-25 ta' Jannar 2030, żewġ membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni proposti mill-Gvern Ġermaniż. Il-membri supplenti li fir-rigward tiegħu l-proposta għall-ħatra ma kinitx għet ikkomunikata lill-Kunsill qabel il-15 ta' Settembru 2025 ma setax jiġi inkluż fid-Deċiżjoni (UE) 2025/2119.

---

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/954 tat-13 ta' Mejju 2025 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mit-13 ta' Mejju 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 (ĠU L, 2025/954, 22.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/954/oj>).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2119 tal-10 ta' Ottubru 2025 li taħtar membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mill-10 ta' Ottubru 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/2119, 16.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2119/oj>).

- (9) Is-Sur Rogério David SÁDIO DA SILVA u s-Sa Cristina de Fátima SILVA CALISTO nħatru bid-Deċiżjoni (UE) 2025/71 bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030. Madankollu, il-mandat li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra fil-Kumitat tar-Regġuni ntemm qabel il-bidu tal-mandat attwali tal-Kumitat tar-Regġuni. Wara t-tmiem ta' dawk il-mandati, il-Gvern Portugiż ippropona li s-Sa Sónia Isabel FERNANDES SANFONA CRUZ MENDES u s-Sa Filomena PASCOAL SINTRA jinħatru bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni. Għaldaqstant, jenħtieġ li s-Sa Sónia Isabel FERNANDES SANFONA CRUZ MENDES u s-Sa Filomena PASCOAL SINTRA jinħatru bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni u jenħtieġ li l-lista ta' membri supplenti għall-Portugall fid-Deċiżjoni (UE) 2025/71 tiġi adattata skont dan.
- (10) Il-ħatra ta' dawk iż-żewġ membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni b'din id-Deċiżjoni ser tiġi segwita f'data aktar tard bil-ħatra ta' membru supplenti ieħor, li fir-rigward tiegħu l-proposta għall-ħatra ma ġietx ikkomunikata lill-Kunsill sal-1 ta' Mejju 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni elenkati fl-Anness huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni bħala membri supplenti għall-perjodu mit-8 ta' Ġunju 2026 sal-25 ta' Jannar 2030.

*Artikolu 2*

Fil-lista tal-Portugall stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2025/71, jiġihassru l-entrati li ġejjin:

“Is-Sur Rogério David SÁDIO DA SILVA

*Presidente da Câmara Municipal de Fronteira (Sindku ta' Fronteira)*

Is-Sa Cristina de Fátima SILVA CALISTO

*Presidente da Câmara Municipal de Lagoa (Sindku ta' Lagoa)”.*

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

ANNEX

ПРИЛОЖЕНИЕ - ANEXO - PŘÍLOHA - BILAG - ANHANG - LISA -  
ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ - ANNEX - ANNEXE - IARSCRÍBHINN - PRILOG - ALLEGATO -  
PIELIKUMS - PRIEDAS - MELLÉKLET - ANNESS - BIJLAGE -  
ZAŁĄCZNIK - ANEXO - ANEXA - PRÍLOHA - PRILOGA - LIITE - BILAGA

Заместник-членове / Suplentes / Náhradníci / Suppleanter / Stellvertreter / Asendusliikmed /  
Αναπληρωτές / Alternate members / Suppléants / Comhaltáí malartacha / Zamjenici članova /  
Supplenti / Aizstājēji /  
Pakaitiniai nariai / Póttagok / Membri Supplenti / Plaatsvervangers / Zastępcy członków /  
Suplentes / Supleanți / Náhradníci / Nadomestni člani / Varajäsenet / Suppleanter

PORTUGALL

Is-Sa Sónia Isabel FERNANDES SANFONA CRUZ MENDES

*Presidente da Câmara Municipal de Alpiarça (Sindku ta' Alpiarça)*

Is-Sa Filomena PASCOAL SINTRA

*Presidente da Câmara Municipal de Castro Marim (Sindku ta' Castro Marim)*